*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,162, 7 ta' Diċembru, 2023*
*Taqsima B*

**A.L. 287 tal-2023**

**ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)**

**Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2024.

Tifsir.

**2.** F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 452.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"Ftehim" tfisser in-National Agreement on the Minimum Wage Recommendations by the Low Wage Commission iffirmat fil-25 ta' Ottubru 2023 bejn il-Gvern, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet ta' prinċipali kif rappreżentati fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali.

L-inqas paga nazzjonali.

**3.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun skont l-istess Ftehim kif ġej:

Ta' età tmintax-il (18) sena u fuqhom …€213.54

Ta' età sbatax-il (17) sena ……………..€206.76

Ta' età taħt is-sbatax-il sena …………...€203.92

Impjegati part-time.

**4.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati part-time għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli whole-time li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali

Standard li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin (40).

Ordnijiet dwar Kunsilli tal-Pagi li jirregolaw il-Pagi.

**5.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi pagabbli lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2024 ma għandhomx ikunu inqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2023, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment applikabbli għall-impjegati whole-time kollha skont l-artikolu 8 tal-Att, jew b'xi żidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' standard nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-2024.